DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ...................................... DATA/DATI ........................................

DIRETTUR/REĠISTA: ..................................

*Notamenti*

## JUM FOST L-OĦRAJN

*p.25 (M/F)*

## MANAGER

**DIN QATT MA KONT NISTENNIEHA MINNEK, SUR TODD.**

Din qatt ma kont nistennieha minnek, Sur Todd. Jisgħobbija - jisgħobbija tassew li kellna niġu għal dan. B'xorti tajba imma l-każ issa jinsab f'idejhom. Trid tidher quddiemhom minn hawn u siegħa oħra. Dak kulma nista' ngħidlek.

*TODD: Siegħa oħra. Fejn?*

Fis-sala tas-seduti.

*TODD: Jiġifieri f'dan l-istess bini.*

Naturalment. Fuq - it-tlettax-il sular. Li kont minnek kont immur inħejji ruħi sadanittant. Aħseb x'se tgħidilhom - kif ser taqbad tispjegalhom. U nagħtik parir, Sur Todd – inqas ma tgħid, aħjar. Wieġeb għal li jistaqsuk biss. Ftit kliem. Kelma żejda - innoċenti kemm hi innoċenti - u tispiċċa ddeffes lil ħaddieħor fix-xibka. Ftit kliem mela... Qed tifhimni? Qed ngħidlek għall-ġid tiegħek, naturalment.

*TODD: Iva. Grazzi. Niżżik ħajr.*

*BIEB JINFETAĦ.*

L-għodwa t-tajba mela. Taqtax qalbek, Sur Todd. *(<124)*

PDF p. 25

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ..............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.